# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF Dr. C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tas-17 ta' Jannar, 2002.**

Rikors Nru: 20/01CFS

Il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech
vs
Id-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati u l-Avukat Generali

Il-Qorti,

**RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija George Grech li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi minn rapporti li dehru fil-gurnal KULLHADD tal-hadd 12 t' Awissu, 2001 (Dok. A) u li gew imxandra fis-servizz tal-ahbarijiet: ONE NEWS" fuq l-istazzjoni televiziv "SUPERONE" tal-istess data u tal-ghada (Dok B), kif ukoll minn serje ta' domandi li hu irceva minghand certu gurnalist bl-isem ta' JOE MIFSUD (Dok. C), hu intebah li kienet ghaddeja inkejsta fuq

allegazzjonijiet ta' "ABBUZI SESSWALI" quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Dottoressa Miriam Hayman.

2. Illi malli sar jaf b' dan, hu talab lill-imsemmija Magistrat Inkwirenti biex jixhed u pprezenta rikors fl-14 t' Awissu 2001 (Dok D) f' dan is-sens, fejn talab li hu jithalla jixhed u jitlob li jitressqu xhieda li setghu jitfu dawl fuq il-fatti tal-kaz u l-motivazzjoni li seta' kien hemm wara dawn l-allegazzjonijiet. Illi t-talba tieghu giet milqugha b' Digriet tas-16 ta' Awwissu, 2001 (Dok. E), bla pero' ma nghatat data u hin dwar meta hu kellu jixhed.

3. B' dana kollu, fl-20 t' Awissu, 2001, kienet ixxandret ahbar falza fuq l-imsemmija mezzi tax-xandir (Dok. B) li hu kellu jitla' jixhed l-ghada 21 t' Awwissu, 2001. Mhux biss imma l-ghada (21 t' Awissu), l-istess mezzi tax-xandir, dejjem fis-servizz "ONE NEWS" tal-5.30p.m. xandru ahbar ohra falza u inventata li hu naqas li jitla' jixhed kif suppost. Illi meta l-konsulent legali tar-rikorrent, dak il-hin stess, ikkuntatja lill-Magistrat Inkwirenti bit-telefon, biex jara jekk kienx minnu li r-rikorrent kien b' xi mod naqas li jidher quddiemha, din assikuratu li dak ma kienx minnu u li hi kienet ghadha ma ffissatx data ghas-smiegh tax-xhieda tar-rikorrent. Il-konsulent legali tar-rikorrent talab lil Magistrat li tordna lir-Registratur tal-Qrati biex johrog disdetta, ghax din l-ahbar falza kienet qed tpoggi lir-rikorrent f' posizzjoni kerha, jekk mhux ukoll redikola f' ghajnejn l-pubbliku, meta l-ewwel hu jitlob li jixhed, u, mbaghad meta jissejjah biex jixhed, jibqa' ma jersaqx. Dan pero' ma sarx u kellu jkun ir-rikorrent innifsu li

johrog stqarrija biex jispjega il-fatti veri. Fl-istess telefonata, il-konsulent legali staqsa lill-Magistrat Inkwirenti jekk setax jassisti ghas-smiegh tax-xhieda u din wegbitu fin-negattiv.

4. Illi, in effetti, ir-rikorrent issejjah u mar jixhed quddiem il-Magistrat Inkwirenti u meta staqsa lill-Magistrat Inkwirenti ta' x' hiex kien qed jigi akkuzat, din wegbitu vagament: "ta' sexual abuse". Peress li dan mhux terminu legali, imma biss frazi popolari li ma tinsabx fil-ligi, rega staqsieha: "imma "sexual abuse" x' inhu, xi stupru?". Il-Magistart regghet vagament wegbitu: "Xi haga hekk." Meta mbaghad staqsieha meta suppost gara dan, hi wegbitu: "Ma tul il-periodu li kellek ir-relazzjoni." Ghalhekk hu qatt ma gie nfurmat bil-miktub, kif kellu dritt kostituzzjonali li jkun jaf, u bi precizjoni l-akkuza, jew akkuzi, li hu kien qed jiffaccja u, inqas u inqas, ic-cirkostanzi ta' zmien, hin u lok tal-allegat reat jew reati (Art. 39 (6) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Art. 6 (3) (a) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem).

5. Illi tista' tghid kwazi kulljum mit-12 t' Awwissu, 2001 sal-lum saret kampanja akkanita u feroci fl-imsemmi ONE NEWS u fil-gurnal KULLHADD, dejjem taht il-firma tal-istess Joe Mifsud, biex ir-rikorrent jigi skreditat b' kull mezz immaginabbli u possibli. Bdew jigu ta' kull jum, hafna drabi bhala l-ewwel item fil-Headline News, imxandra pseudo law reports ibbazati jew fuq gideb, jew fuq nofs veritajiet, kuluriti b' doza qawwija ta' spekulazzjoni u opinjonijiet azzardati imhallta flimkien bla ma wiehed jista' jiddistingwi bejn il-fatti li kienu suppost rapportati,

il-kummenti u l-immaginazzjoni tal-gurnalist. L-audio kien imbaghad jigi akkumpanjat minn video footage editjat fin, fin, b' mod li jipprova jwaqqa' lill-rikorrent ghac-cajt u jesponieh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku. (Ara Dok B u okkorendo il-video recordings relattivi - Dok F). Gew uzati vizivi li juru r-rikorrent fejn il-motto tal-Pulizija "Domine Dirige Nos", diehel il-knisja ma' martu, jew icapcap qiesu imbecilli waqt l-audio jkun qed jimputalu komportament mhux xieraq jew addirittura kriminali.  Addirittura, l-istess gurnalist arroga ghalih poteri tal-Inkwizitur u baghtlu fax b' serje ta' domandi li uhud minnhom jolqtu l-mertu tal-kaz, u meta ir-rikorrent, fuq parir li kellu, injora dan il-"questionaire", il-gurnalist sahansitra wasal biex ikkumenta sfavorevolment dwar dan fir-rapportagg tieghu (Ara Dok. A, B u F), haga li lanqas ufficjal prosekutur jew Qorti ma ghandha dritt taghmel !! L-istess gurnalist ukoll arroga ghalih innifsu s-setgha li jikkummenta dwar l-ezattezzi ta' data ta' decizjoni ta' Qorti citata f' att gudizzjarju prezentat milir-rikorrent fl-atti tal-istess inkjesta.

6.  Illi pero' li beda jipprejokkupa lir-rikorrent, aktar minn dan it-tentattiv biex hu jigi ridikolat u oskurat, kien il-fatt li l-istess rapporti ta' Joe Mifsud, kemm fuq ir-radio u Television, kif ukoll fl-artikoli tieghu fuq il-gurnal KULLHADD, Hadd, wara Hadd, bdew jaghmlu riferenza ghal dak "li kien qed jirrizulta waqt l-inkjesta" ! Issa hu maghruf li normalment - anki jekk dan forsi ma jirrizultax mill-ligi - inkjesa magisterjali issir fil-maghluq f' segretezza kbira, fejn sahansitra xhud ma jkunx jaf x' qed jghid xhud iehor dwaru, fejn la jidhlu avukati, u fejn inqas u inqas isir

kontroll tax-xhieda jew kontro-ezami minn avukati u fejn kollox isir b' rizerva u diskrezzjoni kbira. Ghalhekk dawn ir-riferenzi ghal dak li "kien qed jirrizulta waqt l-inkjesta" kienu skonvolgenti u perturbanti hafna ghax kienu jew addirittura azzardati jew - jekk veri - kienu jirrivelaw abbuz serju ta' xi persuna jew aktar li kellhom f' idejhom it-tmexxija tal-inkjesta jew ir-recording u t-traskrizzjoni tax-xhieda jew l-arkivjar u l-kustodja tal-atti tal-istess inkjesta. Illi dan kien qed jitfa' dell ikrah fuq l-operat tal-Magistrat Inkwirenti u tal-funzjonarji tal-Qorti koncernati.

7. Illi kien ghalhekk li r-rikorrent hass id-dover li, b' Nota tieghu tal-5 ta' Settembru, 2001, (Dok G), igib fid-dettall dan kollu a konjizzjoni tal-imsemmija Magistrat Inkwirenti, biex jigi assikurat b' kull mezz possibli u disponibbli il-harsien tal-ligi u tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, fil-waqt li fl-istess hin, irrizerva li jiehu kull azzjoni opportuna biex jipprotegi d-drittijiet fondamentali tieghu, meta u kif ikun il- waqt. Minkejja dan, ma ttiehdet ebda azzjoni biex jinqata' dan l-abbuzz mill-Magistrat Inkwirenti.

8. Illi pero' l-abbuz gurnalistiku fil-konfront tar-rikorrent ma waqafx hawn! Meta kien xehed ir-rikorrent quddiem il-Magistrat Inkwirenti kien indika lill-istess Magistrat lista ta' xhieda li hu xtaq li jiddeponu biex jaghtu informazzjoni importanti dwar il-fatti tal-kaz. Sussegwentement kienet cemplet lir-rikorrent certa Carmen, li kienet addetta fl-Awla tal-Magistrat Inkwirenti u regghet talbitu il-lista mill-gdid bl-ismijiet u indirizzi u telephone

numbers ta' dawn ix-xhieda u hu "in buona fede" tahomla mill-gdid. Illi b' xi mod inspjegabbli l-ismijiet u d-dettalji ta' dawn ix-xhieda gew f' idejn il-gurnalist Joe Mifsud li mhux biss irrivelhom fil-pubbliku, imma addirittura beda kampanja assidwa u kontinwa biex jipprova jiskredithom, anki qabel ma telghu jixhdu kemm fir-rapporti tieghu fuq il-ONE NEWS (ara transcripts u tapes (Dok B u F) u kopja tal-gurnal Kulhadd (Dok H).

9. Illi ghal darb' ohra r-rikorrent hass li kellu jattira l-attenzjoni tal-Magistrat Inkwirenti ghal dan l-abbuzz b' nota ulterjuri tal-5 ta' Settembru, 2001 (Dok I), hu tenna li dan kien abbuzz mill-amministrazzjoni tal-gustizzja, fejn inkjesta magisterjali kienet qed tithalla tigi manipulata mill-media. Ghal darb' ohra, il-Magistrat Inkwirenti ma hadet ebda passi u dan l-abbuz baqa' jipperpetwa ruhu jum wara jum b' impunita assoluta ghal min kien responsabbli (Dok B u F).

10. Illi sadantittant bdiet tasal ghand ir-rikorrent minn diversi hbieb u konoxxenzi tieghu informazzjoni ferm inkwetanti fir-rigward ta' relazzjoni ta' hbiberija li l-Magistrat Inkwirenti dehret li kellha ma' Isobel Azzopardi, il-persuna li kienet qed tallega dan l-"abbuz sesswali". Fost dawn, kien hemm informazzjoni xokkanti li, f' okkazzjoni wahda il-Magistrat Inkwirenti porpju ftit gimghat qabel ma bdiet l-inkjesta kienet deheret tiekol fuq mejda fir-restaurant tal-Yacht Club f' Maoel Island ma' din Isobel Azzoppardi u certa mara Ciniza Yu Mej Zhang li l-Magistrat Inkwirenti kienet illiberat minn talba tal-

istess Kummissarju tal-Pulizija, bhala Principal Immigration Officer, biex hi tigi deportata bhala immigrant ipprojbit, b' decizjoni tad-9 t' Awwissu, 1999, (Dok J), u ara wkoll rapport li deher fil-gurnal The Malta Independent bit-titolu: "Magistrate raps Police Commissioner" – tal-10 t' Awwissu, 1999, (Dok K). Illi r-rikorrent gie wkoll infurmat li fl-okkazjoni tal-birthday party li gie organizzat fl-istess Manoel Island Yacht Club, Isobel Azzopardi, ghalkemm ma attendietx ghar-riceviment, baghtet rigal konsistenti fi flixkun xampanja CASSAR DE MALTE u flixkun fwieha "CALVIN KLEIN – ETERNITY" b' visiting card kontenenti l-isem "Isobel Azzopardi u kunjom iehor Pollakk u dedika "BEST WISHES TO MIRIAM" u ffirmat "ISOBEL". Naturalment, jekk din l-informazzjoni kienet vera, kellha sinifikat mhux traskurabbli, ghax kienet tindika amicizja fuq certu livell ta' "first name terms" bejn il-Magistrat Inkwirenti u din Isobel Azzopardi. S' intendi din l-informazzjoni riedet tigi verifikata bir-reqqa kollha u kien hemm bzonn li l-persuni li kienu qed jivvolontarjaw l-informazzjoni anki jikkonfermawha bil-miktub – ezercizzju li ha xi zmien ghax wahda mill-persuni koncernati kienet lahqet siefret ghall-holiday fil-frattemp.

11. Illi l-inerzja tal-Magistrat inkwirenti li tiehu passi kontra l-abbuz gornalistiku li ta' kuljum beda akatar ikompli jakanixxi ruhu u assuma propozjon ta' dak li, fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tissejjah "A VIRULENT PRESS CAMPAIGN", minkejja li dan kien qed jigi senjalat lilha permezz ta' noti u esebiti ripetutament; il-fatt li l-Magistrat ikkontestat lil wiehed mix-xhieda, meta dan qalilha li

hu kien raha tiekol ma' Isobel Azzopardi u Yu Mei Zghang u qaltlu li dan ma kienx veru, meta imbaghad gew zewg xhieda ohra li ukoll xehdu dan quddiemha u b' hekk giet messa in ballo il-kredibilita` tal-istess Magistrat u dik tal-istess xhieda u kienu qed jiehdu pozizzjoni diametrikament opposta fuq cirkostanza importanti; il-fatt li ghal kwazi tmien xhur shah li kienet ilha tinvestiga l-kaz, qatt ma hasset li ghandha tibghat ghar-rikorrent u tavzah li kien akkuzat u tiehu l-versjoni tieghu tal-fatti u kellu jkun hu nnifsu li jitlob li jixhed quddiemha meta nduna mill-media x' kien ghaddej; kombinat mar-retroxena ta' hbiberiji maz-zewg nisa fuq imsemmija, u cirkostanzi ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tar-rikors, beda jnibbet dubju u serju f' mohh ir-rikorrent dwar l-imparzjalita' u l-oggettivita' tal-Magistrat Inkwirenti fir-rigward tieghu u jekk il-Magistrat Inkwirenti kellhiex xi interess dirett hew indirett fil-kwistjoni li jaghti lok ghar-rekuza jew l-astensjoni taghha skond il-ligi.

12. Illi dan id-dubju kompla jigi nutrit meta l-Hadd, 9 ta' Settembru, 2001, fil-gurnal MALTA TODAY, li sadattant ukoll imbarka fuq kampanja denigratorja fil-konfront tar-rikorrent, u beda jorbot allegati abbuzi tas-Servizz tas-Sigurta`, - li taghhom ir-rikorrent hu l-Kap – mall-kaz odjern, deher fl-ewwel faccata b' tipa grassa artikolu intitolat: "MAGISTRATE EXPRESSES RELIEF" (Dok M), fejn gie rapportat li il-Magistrat Inkwirenti Dr. Hayman:-

> "has expressed relief with her close colleagues
> that details of the inquiry have finally made the
> headlines."

> "The Magistrate had appeared stressed that no one from the press had reported on the case for seven whole months. And colleagues report that she was anxious and worried. The Magistrate is said to have been trailed by the Secret Service, which is also headed by Commissioner George Grech."

13. Illi l-import ta' dan l-artikolu hu ovvjament gravissimu, ghax – jekk kien veru – kien jittradixxi indiskrezzjoni kbira da parti tal-Magistrat Inkwirenti, apparti milli kien jikxef ukoll rizentiment serju versu r-rikorrent li l-Magistrat kienet qed tahseb li qed isegwilha l-passi taghha – haga li, ghalkemm mhux vera u r-rikorrent jichadha, soggettivament, f' mohh il-Magistrat, zgur li ma setghetx thalliha tkun ekwanima fil-konfront tar-rikorrent.

14. Illi ghal darb' ohra, ir-rikorrent hass il-htiega li b' nota ulterjuri, ipprezentata l-ghada, 10 ta' Settembru, 2001 (Dok. N), igib dan l-artikolu ghal konoxxenza tal-Magistrat Inkwirenti, f' kaz li ma kienetx gja ratu l-jum ta' qabel, biex tiehu kull pass xieraq u opportun. Minkejja li din id-darba l-artikolu kien jirrifletti serjament fuq il-komportament taghha stess f' din l-inkjesta, il-Magistrat Inkwirenti tidher li baqghet inerti u la hadet passi biex tizmentixxi dar-rapport bil-mezzi li ghandha ghad-dispozizzjoni taghha u inqas u inqas biex ticcensura lil min kien bil-ligi responsabbli ghall-publikazzjoni tieghu. Illi wiehed kien jistenna li l-Magistrat Inkwirenti appena rat l-artikolu tiehu dawn il-passi. Pero' baqghet ma ghamlet xejn. U meta, wara gimgha,

giet pubblikata il-harga ta' wara tal-istess gurnal ma kien hemm ebda zmentita, disdetta jew rettifika ghal dak li kien gie publikat il-Hadd ta' qabel. (Dok O)

15. Kien hawn allura li ghall-ewwel darba deher ovvju ghala l-Magistrat ma kenitx hadet passi biex trazzan l-abbuzz gurnalistiku u/jew amministrattiv fuq imsemmi tal-leakages tax-xhieda u tar-rizultanzi tal-atti tal-inkjesta lil gurnalist wiehed li beda jaghmel orgja ta' rapportagg virulenti u ingust minnhom. Ir-raguni kif rapportata u mhux michuda kienet li l-Magistrat Inkwirenti fl-ahhar strahet li kollox kien qed johrog fil-pubbliku.

16. Illi meta ghaddew tlitt ijiem mill-publikazzjoni ta' dan l-artikolu u l-Magistrat Inkwirenti baqghet ghal darb' ohra inerti, qiesu ma gara xejn, ir-rikorrent, wara li ghamel kollox possibli biex jevita li jkollu jiehu dan il-pass, intavola rikors fit-12 ta' Settembru, 2001, (Dok. P) fejn espona fid-dettal dawn il-fatti u ohrajn rilevanti u talab li l-Magistrat Inkwirenti tastjeni milli tkompli tikkonduci l-inkjesta u tassenja l-atti tal-inkjesta f' idejn ir-Registratur tal-Qrati, biex dan imbaghad jassenjhom lil xi Magistrat iehor.

17. Illi skond ma gie publikat fil-media – ghax, almenu s' issa, ma gie komunikat xejn lir-rikorrent – il-Magistrat Inkwirenti minkejja it-talba tar-rikorrent biex hi tastjeni xorta wahda kompliet ghaddejja bl-inkjesta. (Dok. O u Q)

18. Illi jekk titkompla din l-inkjetsa mill-Magistrat Inkwirenti fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, ser ikun hemm ksur lampanti tal-Art. 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ghax il-kaz mhux ser ikun aggudikat minn Qorti jew tribunal imparzjali.

19. Illi apparti dan l-aggravju, probabilment ghall-ewwel darba fl-istorja legali penali Maltija, qed tintuza procedura inkwizitorjali, fejn Magistrat Inkwirenti qed tinvestiga kaz fejn l-allegat hati huwa maghruf u identifikat u kien hekk maghruf u identifikat sa mill-bidu nett, u din l-investigazzjoni saret u kompliet issir mhux fil-prezenza tieghu, fejn hu qatt ma inghata bil-miktub u bid-dettal in-natura u r-raguni tal-akkuza jew akkuzi kontra tieghu, fejn l-akkuzat kellu jkun hu li jitlob li jixhed u jressaq xhieda wara li sar jaf bil-proceduri kontra tieghu, mill-media, u fejn anki meta deher biex jixhed baqa' ma giex spjegat lilu bl-ezatt ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat, kif ukoll fejn il-persuna akkuzata ma thallietx tiddefendi ruha permezz ta' assistentza legali u lanqas ma thalliet tezamina lix-xhieda taz-zewg nahat kemm kontra kif ukoll favur. Illi dan kollu jmur diametrikament kontra u sar u qed isir bi ksur tal-Art. 39 (6) (a) (c) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 (3) (a) (c) u (d) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

20. Illi l-procedura tal-"in genere" kontemplata fit-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, kif emendata, taghti lill-Magistrat Inkwirenti poteri gudizzjarji u ghalkemm hu ma jaghtix sentenza finali u definittiva dwar il-kaz, jista' "jikxef

li persuna hija hatja jew li kontra taghha jkunu ingabru indizji bizzejjed" u, meta jaghmel dan, "jista' jordna l-arrest taghha" u ghalhekk din il-procedura mhux limitata ghall-accertamenti dwar il-provi li jkunu jakkompanjaw l-ezistenza ta' reat u l-konservazzjoni ta' evidenza, izda addirittura ghal pronuncjament, sia pure forsi "prima facie", ta' htija u anki l-arrest konsegwenzjali tal-persuna li tkun qed tigi indagata (Art. 554 (i) Fit-test Ingliz: "to order the arrest of any person whom, at any inquest he discovers to be guility or against whom there is sufficient circumstantial evidence".

21. Illi ghalhekk jidher car li din it-tip ta' procedura trid issir konformement ma' dak li jipprovdi il-kodici Kriminali, il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-bniedem, haga li certament ma saritx u mhux qed issir f' din l-inkjesta, fejn il-procedura inkwizitorjali adoperata ma tissodisfax ir-rekwiziti mehtiega ghall-harsien tad-drittijiet fondamentali ghal smiegh xieraq anzi tiksirhom mill-A saz-Zeta.

22. Illi ghalhekk anki taht l-aspett, apparti dak tal-parzjalta` tal-Magistrat Inkwirenti u dak tal-"virulent press campaign" li thalliet issir kontra r-rikorrent il-Magistrat Inkwirenti, il-proceduri tal-inkjetsa huma lezivi tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

23. Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li din il-Qorti joghogobha:-

(a) tiddeciedi u tiddikjara li l-proceduri tal-inkjesta Magisterjali li jinsabu in corso quddiem il-Magistrat Dottor Miriam Hayman jiksru d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-bniedem ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija.

u (b) taghti kull rimdeju opportun u jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi biex jigu mhasra d-drittijiet tar-rikorrent ghal smiegh xieraq u skond il-ligi.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali li eccepixxa:

1. Illi, kontra dak li qed jigi sottomess mir-rikorrent fil-paragrafi 18 u 19 tar-rikors promotorju, ma qeghdin jinkisru ebda subincizi ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jew tat-tnejn flimkien.

Dawn l-artikoli japplikaw biss f' kaz ta' meta jkunu qed jigu determinati drittijiet jew obbligi civili jew meta wiehed qed ikun akkuzat b' reat kriminali.

Fil-fazi tal-inkjesta magisterjali la jkun qed jigi determinat xi obbligu jew dritt civili u lanqas ma tezisti xi akkuza ta' reat kriminali. Ukoll jekk il-Magistrat li qed jaghmel l-inkjesta jista' (a) jordna l-arrest tal-persuna jew/u (b) jikxef li persuna hija hatja jew li kontra taghha jkunu ngabru indizji bizzejjed. (Kodici

Kriminali 554), dan ma jfissirx li l-Magistrat ser jaghti xi gudizzju ahhari dwar il-kaz. Il-gudizzju jispetta forum iehor.

Skond il-kazistika Ewropea:

'a person has been found to be subject to a criminal charge when arrested for a criminal offence (Ara: Wemhoff versus FRG);

'and when officially informed of the prosecution against him (Neumeister versus Austria).

Ir-rikorrent la huwa taht arrest u lanqas ma gie ufficjalment informat b' xi reat.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-intimat ghadda f' aktar dettal ghall-premessi u d-dikjarazzjonijiet maghmula mir-rikorrent fir-rikors tieghu:

(a) Illi mhux legalment ezatt u korrett dak li jghid ir-rikorrent fl-ewwel paragrafu tar-rikors tieghu u cioe' illi hu 'kien ghaddej inkjesta'; fil-verita' qed issir inkjesta dwar allegazzjonijiet illi jinvolvu lir-rikorrent. Dak li qed jigi indagat u investigat fl-inkjesta hu l-veracita' ta' l-allegazzjonijiet li setghu saru fil-konfront tar-rikorrent u biex jigi determinat jekk hemmx tracci jew elementi ta' xi reat li ghalih xi persuna (jista' jkun kemm ir-rikorrent kif ukoll xi persuna ohra inkluz min ghamel l-allegazzjonijiet) tista' tkun mitluba tirrispondi ghalihom. Kif ben

jaf ir-rikorrent inkjesta jew investigazzjoni mhix ekwivalenti ghal akkuza jew process kriminali;

(b) Illi ghar-rigward dak li jinghad fil-paragrafu 2 tar-rikors, ma jirrizultax illi l-Magistrat Inkwirenti mhix ser tisma' (jekk ghadha ma semghetx) lir-rikorrent jew lil kull xhud iehor li l-Magistrat jew l-intimat (fi stadju ta' rinviju u fil-vesti tieghu taht il-Kodici Kriminali, u mhux fil-vesti tieghu ta' rapprezentant ta' l-Istat taht il-Kap 12) jistghu jqisu li jkun relevanti;

(c) Illi l-intimat ma jistax jirrispondi ghal dak li qieghed ixandar xi gurnal jew media ohra, u sta ghar-rikorrent stess biex jiehu l-passi kollha li jidhirlu mehtiega taht il-Ligi ta' l-Istampa jew kull ligi ohra fir-rigward;

(d) Illi sta ghall-Magistrat wara li tisma' l-provi tistabilixxi l-verita' o meno ta' l-allegazzjonijiet li fuqhom hi bbazata t-talba ghar-rikuza taghha, jekk tilqax tali rikuza. Illi l-intimat, minhabba l-konfidenzjalita' ta' l-Inkjesta, ma jistax u ma jafx jikkumenta ulterjorment dwar l-istess hlief li jghid li f' dan il-mument l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jidhru kollha intempestivi.

(e) Illi l-effett tal-'virulent press campaign', jekk jezisti, jirrigwarda biss l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni meta u jekk hemm xi akkuza u process kontra r-rikorrent.

(f) Illi fl-inkjesta ma ssir qatt aggudikazzjoni dwar il-htija o meno ta' xi indagat u anki skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 554 (1) tal-Kodici Kriminali, il-Magistrat Inkwirenti tista' biss tordna li jittiehdu procedimenti f' sede ohra fejn wara li jsir ezami ta' kull prova u l-ammissibilita' taghha, jsir gudizzju imparzjali u gust li ghalih japplikaw l-Artikoli in kwistjoni tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni.

(g) Illi l-inkjesta minn Magistrat mhix process inkwizitorjali kif jallega r-rikorrent; fiha la hemm akkuzi u lanqas akkuzat u ghalhekk l-argumenti dwar akkuzi cari, assistenza legali u difiza ma humiex attentati ghat-talbiet tar-rikorrent.

3. Ghaldaqstant l-intimat issottometta li t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qrati li eccepixxa:

1. Illi r-rikorrenti m' ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u mhux legittimu kontradittur f' dawn il-proceduri;

2. Il-proceduri taht l-artikoli ndikati mir-rikorrenti, jiggifieri 39(6) tal-Kostituzzjoni u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, mhumiex applikabbli ghal inkjesta, dan ghaliex ir-rikorrenti mhux akkuzat, wisq anqas hati, ta' reat kriminali, u qed jinghata smiegh xieraq u mparzjali f' dak li ghandu x' jaqsam il-process

gudizzjarju. Dan huwa konformi mad-duttrina tal-Qorti Ewropea.

3. Ir-rikors juri li ma kienx hemm ma' xiex ir-rikorrenti kellu jottempora ruhu u naqas milli hekk jaghmel.

Ghalhekk, filwaqt li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigi michuda bl-ispejjez fil-konfront tieghu, l-intimat ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**PROVI:**

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrent xehed:
fil-11 ta’ Ottubru, 2001 – fol 23 sa 96 tal-process; u
fis-16 ta’ Ottubru, 2001 – fol 100 sa 119 tal-process.

Illi d-decizzjoni tal-lum tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u cioe’ kontra dak li qed jigi sottomess mir-rikorrent fil-paragrafi 18 u 19 tar-rikors promotorju, ma qeghdin jinkisru ebda subincizi ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-

Drittijiet tal-Bniedem jew tat-tnejn flimkien. Dawn l-artikoli japplikaw biss f' kaz ta' meta jkunu qed jigu determinati drittijiet jew obbligi civili jew meta wiehed qed ikun akkuzat b' reat kriminali.

Fil-fazi tal-inkjesta magisterjali la jkun qed jigi determinat xi obbligu jew dritt civili u lanqas ma tezisti xi akkuza ta' reat kriminali. Ukoll jekk il-Magistrat li qed jaghmel l-inkjesta jista' (a) jordna l-arrest tal-persuna jew/u (b) jikxef li persuna hija hatja jew li kontra taghha jkunu ngabru indizji bizzejjed. (Kodici Kriminali 554), dan ma jfissirx li l-Magistrat ser jaghti xi gudizzju ahhari dwar il-kaz. Il-gudizzju jispetta forum iehor.

Skond il-kazistika Ewropea: 'a person has been found to be subject to a criminal charge when arrested for a criminal offence (Ara: Wemhoff versus FRG); 'and when officially informed of the prosecution against him (Neumeister versus Austria). Ir-rikorrent la huwa taht arrest u lanqas ma gie ufficjalment informat b' xi reat.

**KONKLUZZJONIJIET:**

***Artikoli relevanti***

Is-sezzjonijiet tal-ligi relevanti ghal kaz in ezami huma:

<u>Kostituzzjoni:</u>

**39.** (1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.

(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi Civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.

Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

L-Ewwel Skeda Artikolu 6

(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.

L-artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea jibda hekk:

Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:

***Natura tal-Inkjesta Magisterjali***

Fuq rapport, denunzja jew kwerela, li fuqhom ghandhom isiru proceduri, maghmula lill-Pulizija Ezekuttiva jew lil Magistrat, ghandhom jibdew proceduri. Jistghu isiru accessi, jinstemghu xhieda, jigu elevati oggetti, nominati esperti biex jaghmlu ezamijiet tal-istess oggetti u jigu preparati rapporti. Il-Magistrat

jista' jordna l-arrest ta' kull persuna li waqt l-access jikxef li hija hatja, jew li kontra taghha jkunu ingabru indizji bizzejjed. Jista' jordna l-qbid ta' oggetti u tfittxija f'postijiet – 554. Bazikament l-inkjesta tal-Magistrat hi intiza ghall-preservazzjoni tal-provi u hu b'mod eccezzjonali illi l-magistrat jezercita l-poter tieghu taht l-artikolu 554 (1) tal-Kodici u jordna 1-arrest. Suggett materjali tar-reat ghandu jigi deskritt bid-dettalji kollha wiehed wiehed u ghandu jigi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jgib l-effett. Waqt l-access jistghu jittiehdu ritratti. Jistghu jinstemghu diversi xhieda u dawn ghandhom jigu mdahhla fil-process verbal. Izda inkjesta ssir fil-maghluq b'segretezza kbira, fejn sahansitra xhud ma jkunx jaf x'qed jghid xhud iehor dwaru, fejn la jidhlu avukati, fejn lanqas isir kontroll ta' xhieda jew kontro-ezami minn avukati u fejn kollox isir b'riserva u diskrezzjoni kbira. Meta inkjesta tkun ghadha miexja ebda persuna ma tkun ghadha giet akkuzata b' reat. Infatti Magistrat huwa obbligat li jieqaf milli jkompli bl-investigazzjoni tieghu meta jigi nfurmat li persuna jew persuni gew imressqa jew sejrin jitressqu akkuzati bir-reat relattiv. L-inkjesta Magisterjali b' ebda mod ma tista' tkun kunsidrata bhala "a trial" izda kostatazzjoni ta' fatti, ghalkemm il-Magistrat spiss jesprimi opinjoni *prima facie* dwar jekk ghandhomx jittiehdu proceduri fil-konfront ta' persuna jew persuni in konnessjoni ma' xi reat. L-artikolu 550 (5) jsemmi li l-process verbal ghandu jkun fih paragrafu finali bil-konkluzzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti. Il-process verbal maghmul regolarment jista' jinghata bhala prova fis-smigh tal-kawza. L-atti ghandhom jintbaghtu mill-Magistrat lill-Avukat Generali li jiddecidi jekk hemmx ragunijiet sufficjenti

biex jipprocedi. Jekk l-Avukat Generali jiddecidi li ma ghandux isir xejn aktar kollox jieqaf hemm indipendentement mill-opinjoni li jkun esprima il-Magistrat. Jistghu anke jittiehdu passi kontra persuna ohra minn dik indikata mill-Magistrat.

F'kaz ta' guri, jew kumpilazzjoni jinghad li bniedem ghadda guri, jew kumpilazzjoni. Izda f'kaz ta' inkjesta mhux legalment ezatt u korrett dak li jghid ir-rikorrent fl-ewwel paragrafu tar-rikors tieghu u cioe' illi hu 'kien ghaddej inkjesta'; fil-verita' tkun qed issir inkjesta dwar allegazzjonijiet illi jinvolvu lir-rikorrent. Dak li qed jigi indagat u investigat fl-inkjesta hu l-veracita' ta' l-allegazzjonijiet li setghu saru fil-konfront tar-rikorrent u biex jigi determinat jekk hemmx tracci jew elementi ta' xi reat li ghalih xi persuna (jista' jkun kemm ir-rikorrent kif ukoll xi persuna ohra inkluz min ghamel l-allegazzjonijiet) tista' tkun mitluba tirrispondi ghalihom. Fl-inkjesta ma ssir qatt aggudikazzjoni dwar il-htija o meno ta' xi indagat. Dan kollu jwassal ghall-fatt li inkjesta jew investigazzjoni mhix ekwivalenti ghal akkuza jew process kriminali – ossija f'dak l-istadju ma jkunx hemm persuna akkuzata b'reat krimianli kif jitlob l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

***Il-Pulizija versus Longinu Aquilina***

Ir-rikorrent ghamel referenza ghall-kaz "Il-Pulizija versus Longinu Aquilina" deciz fit-23 ta' Jannar 1992 (Vol. LXXVI pagni 23 et). F'dik il-kawza gie ritenut li persuna hija protetta taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni

anke fil kors tal-inkjesta. Saret referenza ghal De Weer Case - 27/2/80 fejn issemma li wiehed ghandu joqghod fuq is-"'substantive' rather than 'formal' conception of the charge" kif ukoll ghall-Huber case -1975, u Erkle Case - 1982 fejn gie enfasizzat li r-"relevant stage is that at which the situation of the person concerned has been substanially affected as a result of the suspicion against him." Fl-istess sentenza giet kwotata dik il-parti tal-ktieb ta' P Van Dyke & Van Hoof li semmiet li "not in all cases is it possible to start from the moment at which the person is officially indicted, for even before that he may have realised that he is suspected of a criminal offence, so that from that moment he has an interest in that a decision about this suspicion may be made by the court". F'din il-kawza gie ritenut li f'Malta wkoll jekk f'inkjesta timmaterjalizza sal-punt li c-cittadin jirrealizza illi s-suspett fir-rigward tieghu kien qed ikun sostnut b'mod li jista' jwassal ghall-akkuza fir-rigward tieghu, illi japplikaw il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea protettivi tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq u gust. Gie ritenut li dawn il-provvediment japplikaw fil-mument meta l-Magistrat jordna li jittiehdu l-impronti tas-swaba ta' persuna indizjata bir-reat avolja sa dak il-mument ma jkunx ghadu gie formalment akkuzat bih.

Din il-Qorti taqbel mall-Avukat Generali li jekk wiehed jistudja sew dak l-kaz jinduna li 1-konkluzjonijiet ta' din id-decizjoni mhumiex korretti. F'pagna 34 ta' l-istess volum, li jikkwota s-sentenza hemm kwotazzjoni mill-ktieb ta' Van Dyke u C.J.H.

Van Hoof 'Theory and Practice of the European Convention on Human Rights". Il-bran ccitat mill-Qorti Maltija jidher f'pagna 329 fejn l-awturi kienu qed jezaminaw minn fejn wiehed ghandu jqis iz-zmien ragonevoli biex wiehed jara jekk il-haqq sarx fi zmien ragonevoli. Fil-fatt is-subparagrafu 13 a fol 329 ta' 1-istess ktieb li tahtu taqa' din is-silta tibda hekk:

"13. Subsequently, Article 16 stipulates in its first paragraph that the hearing of the case must take place within a reasonable time. Just as with regard to these same words in Article 5 (3) this raises the difficult question as to what criteria have to be applied for the assessment of what is reasonable, and also what period should be taken into account in this respect." (pagna 328)

Il-Qorti zbaljatament ikkonkludiet li l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni tibda mill-investigazzjoni mill-Pulizija u fil-kaz ta' Malta, anki mill-Magistrat li jkun qed jikkonduci inkjesta. (pagna 34)

Kif sewwa qal l-Avukat Generali fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu "Bir-rispett kollu, l-Qorti kienet qed thallat haga m'ohra. Altru tqis id-dewmien tal-proceduni u altru tqis jekk il-kelma 'criminal charge' tikkomprendix investigazzjoni. Kif l-esponent juri aktar l-isfel f' din in-nota, il-Kummissjoni Ewropea hadet linja differenti ghal kollox meta kienet qed tqis il-kelma 'criminal charge' (ara pagna 309 ta' l-istess ktieb). Jekk wiehed jaqra iz-zewg siltiet f'daqqa jasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn dik li waslet ghaliha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Longinu Aquilina.

Li kieku 1-kelma 'criminal charge' tikkomprendi wkoll investigazzjoni mill-Pulizija, kieku l-Pulizija Esekuttiva trid ikun indipendenti u imparzjali, trid tkun tribunal, u trid

taghmel inkjesta fil-pubbliku — haga li mhux biss mhix indikata izda kompletament impossibbli jekk wiehed irid li l-investigazzjoni ssir bla ma jigu ntralcati 1-provi.

Dan jidher aktar car f'pagna 314 ta' l-istess ktieb fejn jinghad:
"Since Article 6 is applicable only to procedures which result in a determination of a criminal charge, a procedure by which a preventive detention may be imposed on the mere ground of an existing suspicion, without being necessary to establish whether this suspicion is well-founded, is outside the scope of this provision….. Finally extradition procedures are held, thus far, not to be covered by Article 6 on the ground that 'determination' involves the full process of an individual's guilt or innocence of an offence, and not the mere process of determining whether a person can be extradited to another country.
Jekk skond is-silta t'hawn fuq l-Artikolu 6 mhux applikabbli ghall-proceduni ta' estradizzjoni, *multo magis* dan ma japplikax ghal semplici inkjesta.

***Akkuzat b'reat kriminali***

Fil-kaz De Weer versus Belgium (Series A No. 35) pagna 24, panagrafu 46, il-kelma 'charge' kienet definita mill-Qorti Ewropea hekk:

"The 'charge' could for the purposes of Article 6 (1) be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence. In several decisions and opinions the Commission has adopted a test that appears to be fairly closely related, namely whether the "situation of the suspect has been substantially affected."

Fl-applikazzjoni numru 4649/70 X vs the Federal Republic of Germany (3rd May, 1974) (Collection of Decisions 46 page 18) Il-Kummissjoni Ewropea qalet:

"As regards the alleged violation of Article 6 (1), the period to be taken into consideration begins, according to the case-law of the European Court of Human Rights (see the Wemhoff, Neumeisten and Ringeisen cases, judgements of the 27th June 1968 and of the 16 th July, 1971) with the date on which a person is charged and, in determining that date, regard must be given to the particular circumstances of the case concerned.

The Commission in resolving this problem held in previous decisions that "the relevant stage is that at which a person concerned has been substantially affected as a result of the suspicion against him." (See Commission's Report in European Court of Human Rights, Series B, Neumeister Case, page 81, and the Report concerning application No.4517/70 Huber versus Austria p.30). In the cases just cited the Commission has found that the interrogation of the applicant or of witnesses alone is not sufficient to hold that the applicant is faced with a criminal charge within the meaning of Article 6 (1).

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kliem fl-ahhar sentenza jassumi importanza enormi ghax specifikament jghid li l-interrogazzjoni jew smigh biss ta' rikorrent jew xhieda mhux sufficjenti biex wiehed jirritjeni li r-rikorrent hu akkuzat b'reat kriminali fit-tifsira tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.

Fl-applikazzjoni Numru 4483/70: X vs the Federal Republic of Germany, (Collection of Decisions Number 38), il-Kummissjoni qalet hekk:

"The application of paras. (2) and (3) of article 6 is, however, expressly limited to a person" "charged with a criminal offence". In the circumstances of the present case, the Commission finds that the applicant, when first heard by the police, had clearly not yet become charged with a criminal offence within the meaning of these provision which accordingly do not apply. Similarly, the conduct of

the police investigation could not in itself constitute a violation of the applicant's right, under the general provisions of Article 6 (1) to a 'fair hearing of the case as this investigation did not involve a 'determination of a criminal charge."

Fil-ktieb imsemmi fil-kawza ta' Longinu Aquilina u cioe' "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' P.Van Dyke u G.J.H. van Hoof (Kluwer, second edition) pagna 309 insibu dan il-kliem:

"The Commission decided on a number of occasions that the mere fact that the police are making an investigation or that witnesses are being heard, or that a judicial organ makes a preliminary inquiry, does not yet mean that there is a 'criminal charge."

As a general definition of the concept of 'charge', in the sense of Article 6 (1), the Court has given the following description:

The official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence. (15th July, 1982 Series A 51: Eckle judgement p.33)

***Decizjoni***

Illi minn dak li intqal fuq jirrizulta li meta tkun qedgha ssir inkjesta dwar xi allegat reat, ma tkunx ghada harget akkuza kontra xi hadd. Infatt l-istess rikorrent ilmenta li lanqas biss kien notifikat li qedgha ssir inkjesta u sar jaf biss mill-media. Tant kemm l-inkjesta ma tikkomprendix att ta' akkuza li meta tohrog akkuza l-Magistrat ikollu jieqaf minn l-inkjesta. Ukoll meta tinghalaq inkjesta u tintbaghat lill-Avukat Generali mhix awtomatika li tohrog att ta' akkuza kontra l-persuna li l-Magistrat

jidhirlu. L-Avukat Generali ghandu l-obbilgu li jezamina l-Process Verbal u jara hu jekk ghandux johrog xi att ta' akkuza fil-konfront tal-persuna imsemmija jew persuni ohra, jew jista' jhoss li ma hemmx provi sufficjenti li persuna tigi akkuzata b'reat. Jekk jasal ghall-konkluzzjoni li ma ghandiex issir tali akkuza, dik il-persuna qatt ma tigi akkuzata. Tant kemm fil-kaz in ezami li ma kienx hemm akkuza fil-konfront tar-rikorrent li meta r-rikorrent deher quddiem il-Magistrat hass li ghandu jistaqsiha dwar x'inhu s-suggett tal-inkjesta [ghalkemm fir-rikors hu qal ta' xhiex qieghed jigi akkuzat]. Kieku kien hemm akkuza hu kien irid jigi notifikat bil-miktub bl-akkuza specifika u kien ikun jaf ta' xhiex hu akkuzat. Ukoll peress li ma kienet saret ebda akkuza, kif sostna l-istess rikorrent, hi wegbitu "sexual abuse" li certament ma tistax tammonta ghal akkuza ghax kif semma l-istess rikorrent dan mhux terminu legali fis-sistema lokali. Ghalhekk zgur li f'dan il-kaz ir-rikorrent ma giex notifikat bin-"nature and cause of accusation against him".

Ta min isemmi li wiehed mill-iskopijiet ta' l-inkjesta hu propju dak li jigi determinat jekk verament giex kommess reat, u fil-kaz affermattiv minn min; u allura kif jista' jkun li tkun harget akkuza fil-konfront ta' xi hadd meta ghada ghaddejja inkjesta.

Ghalhekk ezami akkurat tal-kliem u l-ispirtu li hemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Antikolu 6 tal-Konvenzjoni juru bla ebda dubju li l-garanziji f'dawn l-artikoli japplikaw biss ghal persuna akkuzata. Jekk isir gbir hazin ta' provi matul inkjesta jaghtu dritt lill-persuna akkuzata jinvoka l-artikolu 39 u l-

artikolu 6 fil-process fejn dawk il-provi jingiebu quddiem qorti fi process biex tigi determinata xi akkuza kniminali mahruga kontra tieghu.

Li kieku harget akkuza kontra r-rikorrent dan kien ikun intitolat li jistitwixxi l-kawza odjerna ghax f' dak il-kaz f' dak il-mument kien jaqa' fit-termini tal-ligi, u f' dan is-sens izda mhux ghar-ragunijiet hemm imsemmija, il-Qorti setghet forsi tezamina d-dettalji fil-kaz ta' Longinu Aquilina.

Illi ghalhekk b'dak li allegatament sar ma gewx miksura l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghax dawn huma applikabbli ghal min ikun akkuzat b'reat kriminali, jew f'kaz ta' meta jkunu qedghin jigu determinati drittijiet jew obbligi civili. Kif issemma fuq ir-rikorrent qatt ma gie akkuzat b'reat kriminali. Huwa ovvju li hawn ma kienx kaz ta' drittijiet jew obbligi civili. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u tieni eccezzjoni tad-Direttur Generali u Registratur tal-Qorti.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.